# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 13 TA ĠUNJU, 1912. NRU. 18.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## FIT-2 TA ĠUNJU,

mita l'Imkaddes Papa, kaŭŭi u sħiħ, ghalak is-77 sena, fost l'eluf ta Telegrammi li ŭaslulu mid-dinja collha Cattolica u saħansitra minn Rejjet u Cbarat li m'humiex Cattolici, marlu ucoll dan minn Malta:

«Lill'Eminentissimu Cardinal Segretarju,

«Ruma.

«L'*Unjoni Cattolica San Giusepp* tifraħ lill'Imkaddes Papa f'gheluk sninu u titlob il Barca tieghu.

«LANZON

«President.»

U minn Ruma giet, fl'erbgha ta dan ix-xahar, din ir-Risposta:

«Lill Monsinjur Arci-Iskof,

«Malta.

«L'*Unjoni Cattolica San Giusepp* per mezz tal President taħħa Lanzon baghtet tifraħ lill'Imkaddes Papa f'gheluk sninu. Nitolboc tiżżihomħajr u tħabbrilhom li il Papa tahom il Barca Apostolica.

«CARDINAL MERRY DEL VAL.»

## It-taghlim ta bil-fors.

Fost il ħûejjeġ illi il Cumissjunari mibghuta mir-Ref'Malta, biex jaraû x'jista ŭieħed jaghmel biex jarfa il cummerċ u iseûŭi il Korti, marru jitolbu fir-*Rapport* taħħom, hu it-taghlim ta bil-fors. Jigifieri, illi il Gvern ghandu ighaddi ligi mil Cunsill, jeŭ tigi dritt minn ghand ir-Re, biex it-tfal collha minn xi żmien, nghidu ħamsa jeû sitt snin, sa xi żmien ieħor taħħom, nghidu sa ghaxra jeû ħdax il sena, imorru li scola bil-fors, minghajr ebda eccezjoni, chif isir fl'Italja, u jecc ma nizbaliaûx fl'Inghilterra ucoll.

Li xi taghlim jintaghta lit-tfal hi ħaġa mhux biss sabiħa, iżda ucoll ghażiża: ghaliex it-taghlim hua ghal bniedem dac li huma il ġûienaħ ghall ghasafar. Jecc ma icunx jaf jakra u jicteb u jaghmel ftit contijet bl'aritmetica, il bniedem ma icun capaci katt jimxi b'ghajnejħ miftuħa u jakla x'jiecol seûûa cull fejn icun jinsab. Ghallhecc li stess Cnisja Cattolica tħobbhom ħafna li schejjel, titlobhom cull imchien, tbierichom u ħadd iżjed minn uliedha ma ħadem f'cull żmien ghat-taghlim tal oħrajn. Akraû li Storja biex taraû chemm hu tas-seû dan. Iżda hija ħaġa xierka u ta min jaghmilha it-taghlim bil-fors? U la hija ħaġa xierka u inkas seûûa: u nghidu ghaliex. M'hix ħaġa xierka it-taghlim ta bil-fors, ghaliex hecc ħafna, li ma jistghux jokoghdu f'li scola, malli icunu jistghu, joħorġu, bla ma icunu jafu ħlief ftit, illi iservihom aghar, tant fil Pulitca contra il Gvern, ghaliex cull ma jakraû ma jifhmuħx ħlief b' moħħ ħadd-ieħor; chemm ucoll fir-Religjon, ghaliex idaħħlu f'rashom minn xi ġurnali jeû cotba ħżiena dac li ma jistghux jixtarru biex jaraû il verità.

Minn dan it-taghlim ta fuk-fuk hua gejj il gûaj tas-Socialismu, jigifieri il ġlied bejn il ħaddiema u il padruni, chif ucoll l'Anarchija, jigifieri il mibeghda tal ligi u ta min jiccmanda f'bosta bnadi tal pajjiżi ta ma dûarna. U ma jistax icun xort' oħra, ghaliex min jakra bla ma jifhem seûŭa hua bħal dac li jiecol bla ma jomghod u f'li stoncu ghandu icollu indigistjoni. Chemm aħjar ma tcun taf xejn u tokghod f'lococ, inchella tcun taf ftit u tintila bis-suppervja u trid tghid tieghec f'collox, anche fi ħûejjeġ li ma tifhem fihom xejn? Ma tistax tistenna ħlief disordni, irvell u ħsara fejn hemm daŭn in-nies.

M'hix inkas ħaġa seûûa it-taghlim ta bil-fors, ghaliex hu contra il libertà sagrusanta li Alla tà lill bniedem. Alla iħares cull-ma hu tajjeb chien jista jintalab bil-fors minn cull-ħadd, ghaliex chiecu conna naraû ligijet illi iġaghluna jeû nieclu dejjem il laħam, jeû nixorbu il ħalib, jeû norkdu tmien sieghat cull-jum fuk sodda tajjba, jeû naghmlu ħafna ħûejjeġ oħra illi jistghu icunu ta gid ghalina. U jecc missier ma jistax jeû ma iridx ighallem lil-l'ibnu, mnejn sa fejn ghandha tmur f'daru il Pulizija u tieħu lilu il ħabs u l'uliedu li scola? Mela, hecc jista il Gvern ġurnata, jecc tonkos il popula-

## L'Innu tal ħaddiema

Ersku, inġabru, ħollu 'lsiencom,
Tas-salib taħt l'ghuda imbierca;
Mal kdusija 'l ħidma imxierca
Hija dmir ghan-nies ta giħ.

Felħanin, ejjeŭ ! min jaħdem
Ghandu 'l jedd ghas-serħ, ghall ghana ;
Ma isibx ħajr fil ħajja taghna
Min il ghakal ma jafx biħ.

Alla ried cull gid ixerred
Tal ħaddiema geŭŭa il ħdan:
Fuk ŭiċċ hieni il gharak jixrak
Bħal diamanti f'ras sultan.

Boghd il ghażż u it–telka tieghu,
Ghax fit-telka iddûb il kaŭŭa,
Tnin is-saħħa, u issir draŭŭa
Ta bla gieħ l'imħabba ucoll.

Anchi 'l gid, ghażżien, hu fieraħ,
Anchi 'l moħħ, ghażżien, hu fkajjar:
Ghalxejn tidha il kalb titħajjar
U ix-xuftejn ghad-daħca tħoll.

Alla ried cull gid ixerred
Tal ħaddiema geŭŭa il ħdan :
Fuk ŭiċċ hieni il gharak jixrak
Bħal diamanti f'ras sultan.

MIN tad-dnub mir-rbit ħelisna
U chien niżel fl'art mis-Sema,
Xejn ma ħaseb li jirtema
U tal ħidma chien ħabib.

Kuddiem fkajjar, bin is-sengha,
Baxxa ir-ras imkaddsa tieghu,
Fuk il ghodda tchisser mieghu,
Nisa it-tokol tas-salib.

Alla ried cull gid ixerred
Tal ħaddiema geŭŭa il ħdan :
Fuk ŭiċċ hieni il gharak jixrak
Bħal diamanti f'ras sultan.

DUN CARM PSAILA.

ma tcun ghamlet ix-xita?—Le: ghax il kaŭsalla m'hix ħlief il leħħa tad-dija tax-xemx fl'ilma!—U ghaliex bil Malti nghidulha *kaŭsalla*?—Ghax, billi hi maghmula bħal *arc* (li bil Malti tas-seŭ jissejjaħ *kaŭs*) u tidher fis-sema, nghidulha l'*arc t'Alla*—kaŭs-Alla!

DRAŬŬA TAJJBA.— Fir-Rħula, mita ighaddi Kassis, isellimlu cull-ħadd, min jafu u min ma jafux! Draŭŭa li ma tistax tcun isbaħ, ghax b'hecc in-nies juru li dic il kima m'hix ghaliħ, jigifieri ghall persuna tieghu, imma ghall *Carattru ta Sacerdot* li ħadd ma jista ineħħilu.

BEJN TNEJN.—Nhar CORPUS, ħdejn is-Suk, fid-9 u nofs ta fil ghodu:

—Ghaliex in-nies tifrak il Processjoni u tghaddi minn nofsha bħalli chiecu xejn, imma ma tifrakx Cumpanija Suldati?

—Ghax il Kassisin u il Fratelli f'loc li xcubetta igibu f'idhom xemgha!

PROVERBJU.— Acbar ma int, acbar hemmec. Jigifieri: ħadd fid-dinja ma hu bla hemm, bla salib: u actar ma jidhrilna li il flien hu cbir, actar jiġri li dac icollu x'iħabbtu.

ĦMERIJA.—X'in hu l'actar tal bżonn, is-xemx jeŭ il kamar?—Il kamar!—Ghaliex?—Ghax, bil lejl, bla daŭl tal kamar, ma tarax: imma bi nhar, bla daŭl tax-xemx, tara! G. G.

# X'isir biċ-ċraret.

Nhar is-sibt li ghadda, conna mistiednin min-Neguzjant Nazju Abela biex immorru inżuru il Fabrica cbira li ghandu ħal Kormi: u, milkughin minnu b'dic l'imgiba ta Sinjur li ghaliha dejjem chien imsemmi fost l'akŭa Neguzjanti tal Borsa, dorniha rocna-rocna u ħrigna minn mghaġġbin b'dac li rajna.

Is-Sur Abela, l'eŭŭel nett, ghandu fuk ħamsin ruħ impiegati mieghu, il biċċa il cbira nisa u xbejbiet: u il mâcna tieghu, imkassma fi tliet imħażen, rajniha b'ghajnejna taħsel iċ-ċraret imcasbra, tixxuttahom, tnixxifhom, tisħakhom u toħroġhom tajjar abjad u nadif daks is-silġ—actar abjad, u artab, u sabiħ minn dac li nixtru minn ghand li Spiżjar jeŭ minn ghand il Mercant fil pacchi li jiġu minn Barra! Dan ittajjar, imbaghd, jigi imballat u mibghut fl'aħjar fabrichi tal Germanja u ta Pajjiżi oħra, biex minnu isiru flocchijet, malji u bosta ħŭejjeġ oħra tal lbies, li b'din il ħidma jistghu jinbieghu b'irħis, bħalma nafu.

Is-Sur Abela idaħħal ħmistax il kantar ċraret cull-jum, li jinġabru minn Malta u Ghaŭdex: u dac li dari chien jirtema jeŭ jinbghat Barra chif jinġabar issa kieghed jinħadem haŭn, b'xoghol ġdid fil Pajjiż li gharaf iŭakkaf hu u li kieghed jati il ħobż lil tant impiegati.

Chemm haŭn x'naghmlu, ja ħasra, chiecu in-Neguzjanti chienu collha tad-dehen u ħabriecа bħas-Sur Abela!

Imma taħsbux li hu xoghol ħafif dan li taghmel il mâcna taċ-ċraret, bis-saħħa ta tletin żiemel li ghandha u biċ-cilindri ghaddejjin minn ŭieħed ghal ieħor, li fihom ghaxka, tarahom imkassmin fi tliel mâcni, cull ŭaħda ghaliha, u imkankla minn *Motur* (mexxejj) ŭieħed, li ghandu maħzen mibni ghaliħ! Hemm il camra fejn jintiżnu u jinħażnu iċ-ċraret chif jidħlu cull jum imcasbra minn barra—il camra fejn jinagħżlu iċ-ċraret tas-suf miċ-ċraret tat-tajjar u tal ghażel—il camra fejn jinfirdu iċ-ċraret tal culur mil bojod—il camra fejn jinħatru ittajjbin mil ħżiena—u, imbaghd, it-tajjbin fejn jitfarfru, fejn jinħaslu bis-*sapunina* fil mâcna, fejn jitlaħalħu, fejn jixxuttaŭ, fejn jitnixxfu kabel ma intefghu fl'aħħar mâcna, li minn cilindru ghal ieħor toħroġhom tajjar mafluġ u lest, isbaħ minn cull koton maħdum li rajtu f'ħajjitcom, biex minn hemm ighaddi ghall camra tal imballar u jitlak bil knatar ghall Barra.

Hemm geŭŭa collox jaħdem bħal arloġġ, taħt it-trigija tas-Sur Abela, li jaf jara u jaf jiccmanda.

Hecc ucoll is-Sur Abela jixtri bl'użin il laned ħżiena, li dari chienu jirtmeŭ ghal-collox: u, miġburin b'genb ieħor ta li Stabbiliment, li, barra mil bini il ġdid, fiħ erba' djar minfudin ma xulxin, jinballahom u jibghathom Barra, fejn, bil chiŭi fi fran kaŭŭija, li Malta ghad ma ghandniex bħalhom, jieħdu minnhom li stann u il ħadid ghax-xoghol tal laned ġodda.

Min ma ighidx maghna, jecc aħna infaħħru is-Sur Nazju Abela ghal din iż-żerriegha tajjba li xerred Malta u nitolbu ll'Alla li, ghall gid tal Pajjiż, inebbaħ Neguzjanti oħrajn b'tant xoghol bħal dan li jista isir f'daŭn il Gżejjer?!

## Il Cungress Eŭcaristicu.

Nhar il gimgha li ghaddiet, fil ħamsa u nofs ta fil ghaxija, fil Librerija tal Palazz tal Iskof, saret l'eŭŭel lakgha tal *Cumitat Esecutiv*, li, chif ghedna, giè magħżul b'elezzjoni segrieta, li fiha taŭ il vot taħħom il Membri collha tal *Cumitat General* (fuk 120 ruħ). Chienu hemm: Monsinjur Iskof Portelli, il Canonici tal Catidral Caruana-Gatto, Attard u Ferris, ir-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, il Barunissa D'Amico, li Mħallef Pulicin, l'Onurabbli Ŭenzu Gatt, il Marchis Mattei, il Professur Tagliaferro, il Curunell Manchè, it-Tabib Inglott, il Cummendaturi Lanzun u Howard, l'Avucat Aŭgustu Bartolo, in-Nutar Schembri-Żarb, il Perit Andrè Vassall u il Procuratur Legali Muscat-Azzopardi. — Ma chienux jonksu ħlief tnejn: Monsinjur Dun Giusepp Farrugia, ta Ghaŭdex, li, chif naħsbu, ma giex Malta ghax il baħar chien kaŭŭi; u Monsinjur Dun Ŭig Farrugia, li, dac il ħin tal lakgha, chien kieghed jippriedca *San Ġŭann*. Il *Cumitat Esecutiv* ghażel, bir-rieda ta cull-ħadd u bla voti xejn, daŭn l'erba' Ufficcjali: l'Iskof Portelli, *President*; il Cummendatur Lanzun, *Vici-President*; u l'Avucat Bartolo u il Procuratur Legali Muscat-Azzopardi, *Segretarji*. U, imbaghd, kabel ma bida ix-xoghol tieghu, li, bħalma ghedna, hu tkil u tar-rekka, kata' ucoll li, biex il lakghat jistghu isiru, iridu icunu hemm mill'inkas sebgha mil ghoxrin—u fosthom imkar ŭieħed mill'erba' *Ufficcjali*. It-tieni lakgha tħalliet ghall 21 ta dan ix-xahar.

## Chitbulna:—

Strada Britannica, 54
ħal-Tarxien
fit-3 ta ġunju 1912.

IL CONGREGAZJONI TAL ULIED TA MARIJA

Sur Direttur tal *Ħabib*,

taħt dan l'isem il Cappillan ta ħal Luka Dun Anton Vella, D.D., ħareġ ctieb bil ŭisk meħtieġ, ghaliex fiħ il congregati isibu cull ma tixtiek kalbhom; ctieb li jisŭa mitklu deheb u li jista jaghmel bosta gid.

Il ħsieb tal aŭtur tieghu chif jidher m'hux ħaġ'oħra ħlief biss ghall glorja t'Alla u t'Ommu Marija, u biex jonfoħ fuk dic il ħuġġieġa li minn ftit taż-żmien il-haŭn tista tghid li chienet moħbija taħt ir-rmied; ghaliex ghandcom tcunu tafu li il congregazjoni tal *Ulied ta Marija* ilha ŭisk haŭn Malta, anzi nistghu nghidu li conna l'eŭŭel nies li ctibna fiha aħna il Maltin, b'risk it-taħbit li chien tħabat ghaliha, Alla jatiħ il Genna, dac il ġaŭrha ta Sacerdot Dun Luigi Marchetti, ruman, li chif miet haŭn Malta, l'eŭŭel xbejbiet li chienu mictubin fiha ghamlulu funeral famus, u il gharef Sacerdot Don Giusepp Żammit, (*Brighella*, isem maghruf kalb il Latinisti tad-dinja collha bħal ŭieħed mil cbar nett fosthom) chitiblu din l'epigrafi:—

Per l'anima benedetta
di Luigi Marchetti
Sacerdote Romano
Pio, sapiente, benefico
defunto il XII Dicembre MDCCCLV di anni XL
La Congregazione
delle figlie di Maria
dallo stesso fondata nel Giugno
del MDCCCLII
in questo
delle suore di San Giuseppe
dell'Apparizione
sacro oratorio
e da Esso zelantemente dirette
il giorno VIII dopo la morte di Lui
offeriva
al misericordioso Iddio
solenne sagrifizio espiatorio
preghiere e lagrime. (*)

Ghalhecc natu gieħ lil min jistħokklu: u l'*Ulied ta Marija* ma ghandhomx jaghmlu ħaġ'oħra ħlief li jimxu fuk dan il ctieb ghażiż tar-Reverendu Cappillan ta ħal Luka, Sacerdot gharef u ħabriechi; u jiftacru bit-talb taħħom f'ruħ il Fundatur tal Congregazjoni.

Niżżic-ħajr bil kalb collha. Nittama li il kuddiem incun nista nati iżjed daŭl fuk il ħajja ta Don Luigi Marchetti.

GIUSEPPE MICALLEF GOGGI.

# Ma dûar il Gżira.

—Ir-Reverendu Canonicu ta *San-Paŭl* Dun Paŭl Farrugia, li jokghod tas-Sliema, strada Stella Maris, numru 25, ghandu ucoll is-setgha mil Cumitat tal *Unjoni Cottolica* li jircievi il ħlas tal gimghat minn ghand l'Imsieħbin.

—L'articlu ta *Dun Manŭel*, li jissocta fuk l'aħħar ŭieħed, ingibuħ il gimgha id-dieħla.

—Imħabba in-nukkas tal ŭisa, chellna inħallu ucoll ghal darb'oħra ir-Rumanz u articlu sabiħ li baghatilna ir-Reverendu Dun Carm Żammit, ir-Rettur tal Cnisja *Ta-lies*.

## Ma dûar id-dinja.

—Telegramma minn Montrial, fil Canadà, gharrafna illi id-Duchessa ta Connaught, li dàmet haŭn Malta sentejn, maħbuba bosta minn cullħadd, tinsab marida gravement, b'mod tali li chellhom jieħduha fi Sptar.—Ghall'eŭŭel, ħasbu li chellha *appendicite*, imma ŭara sabu li ghandha *peritonlte*, (nefħa ta rita fl'imsaren.)—L'aħħar aħbarijet huma li id-Duchessa tinsab coċċ aħjar.—Nittamaŭ li f'kasir żmien tfiek ghal-collox.

—Fl'America il Pulizija irnexxielha takbad Cap ta cumpanija ta assassini, li hu it-taljan Lupu Morello.—Ighidu li ghall'inkas chien joktol bniedem cull gimgha u chien jidfinhom f'ghalka li chien tkabbel.—Il Gvern ordna tfixxija: u jaħseb li jakbad bosta imsieħbin mieghu fost li stess Pulizija Segrieta. Issa sħabu heddu vendetti cbar contra it-traditurі: iżda il Gvern jaħseb li jakbadhom.—Nistenneŭ scandlu cbir.

—Ħruk cbir ġara il gimgha li ħarget f'Costantinopoli, — Barra minn elf dar,

(*) Bil Malti:— "Il Congregazjoni tal Ulied ta Marija, imŭakkfa f'ġunju tal 1852, fl'Oratorju 'mkaddes tas-*Sorijet tad-Dehra ta San Giusepp*, haŭn Malta, mis-Sacerdot-Ruman Ŭigi Marchetti, li, tajjeb, gharef u tal ħniena, chien ucoll imexxihom bi ħrara cbira u miet fit-12 ta dicembru 1855, ta 40 sena— issa, f'gheluk it-tmien ti jem mil meŭt tieghu, iroddu ghal ruħu, ll'Alla ħanin, talb u dmuħ, flimchien mas-Sacrificcju tal Kuddiesa."

kabdu erba' moschej u ghaxar schejjel.—Fuk ħmistax il elf ruħ jinsabu barra minn djarhom.

—Is-Sultan taghna tà midalja tal fidda lill'Armirall Cradock u lill seba' Ufficjali, u oħra tal bronż lil tlieta u ħamsin baħri, li chienu taŭ ghajnuna fil gharka tal vapur *Delhi*.

—Ġlieda cbira ġrat fil Parlament Aŭstrijacu, Budapest. Xi uħud mid-Deputati ghall'imgiba ħażina geŭ imcheccija mil Camra per mezz al Pulizija.—Ŭieħed minnhom, però, li jismu Kovae, raġa daħal b'revolver f'idu u gibed fuk il President Tisza—ma laktux, iżda il balla daħlet fl'injam tal iscrivanija tieghu.—Allura Kovae spara ghaliħ in-nifsu u ŭaka fl'art. Irnexxielhom joħorġulu il balla u jittamaŭ li jista ifiek.

—Woellerdorf, fl'Aŭstrja, târet fl' arja fabbrica tal polvri.—Bakghu mejjtin tletin ruħ, l'actar Suldati, u daks mija oħra chienu feruti.—Ħafna oħra geŭ feruti mil ħġieġ li tchisser mit-tŭieki u li ŭaka fukhom.—Il ħoss instama minn tletin mîl boghod.

—Il Cattolici, fil Parlament tal Belgju, ħarġu rebbieħa, ghaliex maghżula b'numru bil bosta icbar minn tal partiti l'oħra—iżda dan ma ghoġobx lill *liberali*. Ghaldakstant saru disturbi cbar: geŭ fil belt imŭakkghin fanali, imchissra tŭieki, insultati fit-trekat il Cattolici u saħansitra riedu jatu in-nar lill Cnejjes.—Ġeŭ arrestati bosta nies u qŭasi collha sabuhom armati bir-revolver.—Il Mayer (Cap tal Belt) ipprojbixxa cull migimgha; imma b'dan collu actar minn tliet mit ruħ intakghu u ghamlu minn cull xorta ta disturbi, li it-Truppa chellha taghmel in-nar fukhom u ħafna geŭ feruti.

—Il fregata franciża *Saint Louis* kasmet tnejn is-suttamarin *Vindemiare* u gharrkitu, fil ŭakt li dan chien jaghmel fint-attacc contra taħħa.—Chien hemm fuku sitta u ghoxrin ruħ, li jissopponu gherku u mietu collha.

—Berlin, daŭn il ġranet, hemm migimgha ta nies li katt bħalha: nani, ġgantijet, nisa bil leħja, irġiel bla dirghajn li ipingju u idokku b'sakajhom, xbejbiet ħoxna ta pis li ighaġġeb, bniedmin li ma jaraŭx ħlief fid-dlam, u chemm hemm iddisgrazzjati oħra. Huma inġemghu flimchien sabiex jaraŭ chif jistghu ighixu minghajr ma jakghu f'idejn ta nies li jixorbulhom demmhom billi jesponuhom ghall curżità u id-daħc tan-nies *bla kalb*.

L.M.C.G.

### Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti.

(*icompli ma' l-ahhar numru*)

(b'leħen ŭieħed f'taksima u b'leħen ieħor f'oħra)

(1) *mimlija, mibdija, moħlija, midhija, mimlijin, mibdijin, moħlijin, midhijin*, b-listess numru ta' consonanti bħal sħabhom, *makluba, maklubin, mixruba, mixrubin, maghsura, maghsurin, mughdura, maghdurin, minsuba, minsubin.*

(2) *mħollija, mdorrija, mseŭŭija, mgħoddija, mħollijin, mdorrijin, mseŭŭijin, mgħoddijin*, bl-istess numru ta' consonanti bħal fi-sħabhom *msakkfa, msakkfin, mħassra, mħassrin, mdellca, mdellchin,*

(4) u ghalhecc ucoll b'regula ŭaħda *mija, dija, hija, għalija, bija, fija, zija, trija.*

(b'leħen ŭieħed f'tarf ta' chelma u bil-leħen l-ieħor—li jinchiteb biss ŭara consonanti—f'bidu ta' oħra)

(1) *meta ndokk, chif indokk, meta ncun, chif incun, meta rtâb, chif irtâb, meta rrid* (nrid) *chif irrid*; *meta ggib* (tgib) *chif iggib, meta ssum,* (tsum) *chif issum, meta ddur* (t dur) *chif iddur, meta żżur* (tżur), *chif iżżur, ħafna rdieden, ftit irdieden, ħafna għsafar, ftit agħsafar,*

(2) *meta jgib, chif igib* (ijgib) *meta jrid, chif irid* (floc *ijrid*) *meta jħarbat, chif iħarbat* (floc *ijħarbat*) *meta ŭsiegħ, chif usiegħ,* (floc *uŭsiegħ*) *meta jbies, chif ibies,* (floc *ijbies*), *ħafna ŭhud, ftit uħud* (floc *uŭħud*) *ħafna ŭċuh, ftit uċuh* (floc *uŭċuh.*)

Il-chelma haunecc tinchiteb ŭara vocali, mod, u ŭara consonanti, ieħor, imħabba filli l-ittri *l, m, n, r, għ, j, ŭ*, biex ma jitħaxcnux bejn żeŭġ consonanti oħra, jitfgħu kbilhom vocali bħal ma jiġri ma-dan-collu fit-taljan ucoll fi cliem li jibda bil-consonanti *s impura*: ara *in ispirito, per istrada*, vocali li fil-malti fejn issib ŭarajha *j* jeŭ *ŭ* ticolha, u hecc cliem bħal *chif ijgib, ftit uŭrieżak* jitkassru f'*chif igib, ftit urieżak.*

6. It-taljan biex jati lill consonanti *c* u *g*, kabel il-vocali *a, o, u*, leħen ħelu, jitfgħalhom ŭarajhom il-vocali *i*, u jicteb *ciondolo, ciurma, giorno, giunta*. Il-malti, li jobgħod żeŭġ vocali ŭara xulxin, jicteb (1) *ġábur, ġámagħ*, li jitolbu żeŭġ vocali biss, ŭaħda f'cull taksima, bħal *kábad, żélak*; (2) *ġámar, ġamra, ġamriet*, li jitolbu żeŭġ vocali biss, bħal *básal, básla, basliet, fáħam, fàħma, faħmiet*, (3) *ċarrat, ċappas*, li jitolbu żeŭġ vocali bħal *ħallat, ħassar*; (4) *biċċa, siċċa, ħeġġa, ċoppa, ċapep, coċċ, daġġ.*

Żeŭġ vocali ŭara xulxin jistgħu biss jokogħdu meta, chif ghedna fuk, it-tieni ŭaħda tcun l-eŭŭel ittra tal-chelma u bl-accent fukha, bħal *sema ichal, sema isbaħ, ejja orkod, fittxu idħlu*; jeŭ meta l-eŭŭel chelma taħbat *hu* jeŭ *hi* bħal *hu irid, hi issib* (floc *huŭ irid, hij issib*).

Iż-żeŭġ vocali, hecc ŭara xulxin, jibkghu chif icunu, avvolja l-accent jakbeż il kuddiem. Ara: *fittxu idħlulhom.*

(*Jissocta*) G. Vassallo.

### TŬISSIJET FUK IS-SAHHA

(*Jissocta fuk it*-Tfal)

U xi nghid, imbaghad, minn daŭc il misserijet u ommijet illi biex iŭiddbu l'uliedhom, iŭerr'ruhom bil ghajjat, jiġru urajhom, u minn xi drabi jidghulhom? X'esempju ħażin jatuhom b'dan u chemm deni jaghmlulhom fir-ruħ u fil gisem?! Chemm hu aħjar li jeħduhom bil chelma it-tajjba; u hecc dan ma icunx biż-żejjed, jiccastigaŭhom billi iċaħħduhom minn xi ħaġa li toghġobhom, inakksulhom il frott fuk il mejda, ma jieħduhomx maħħom jiddevertu u ħŭejjeġ bħal daŭn?....

Fl'aħħarnett, irrid nitchellem iebes contra id-draŭŭa ħażina ta bosta ommijet illi, biex isicctu l'uliedhom, ibeżżghuhom bil fatati, bil ħares, bil belliegha, bil meŭt u iŭahħxuhom b'cull xorta ta cliem u ta ħsejjes. Daŭn it-tfal, dejjem imŭerr'rin, joħolmu bil-lejl, isiru jitŭaħħxu minn xejn u katt ma icollhom ebda curaġġ u ħila. Daŭn ħŭejjeġ li ma ghandhomx isiru mill'ommjet u missierijet li tas-seŭ iħobbu l'uliedhom.

Baka nghid xi ħaġ'oħra biex iżżommu it-tfal b'saħħithom, u din hi illi tŭarrbuhom mil mard.

L'eŭŭelnett, jaħtieġ illi tlakkmuhom f'żghurithom u tarġghu tlakkmuhom minn ġdid meta jicbru, specjalment jecc icun haŭn il gidri fil pajjiż, biex ma jimirdux b'din il marda kalila, jeŭ jecc jieħduha tirnexxi ħafifa-ħafifa.

It-tieni, illi ma tħalluhomx ma tfal oħra morda, jeŭ inchella tieħduhom fejn hemm mard tal grieżem, ħosba, scarlatina u cull mard li jittieħed.

It-tielet, ŭarrbuhom mit-tfal jeŭ mil cbar morda b'ghajnejhom, ghax bosta mardiet tal ghajnejn jittieħdu, u fosthom l'aghar hu il *laħam ħażin* (TRACOMA), marda kalila illi tħassrilhom ghajnejhom, taghmilhom impeċpcin u tinpedilhom li jakalghu x'jieclu mhux biss Malta, imma ucoll f'pajjiżi oħra, fejn icunu il-kuddiem iridu imorru biex isibu-ruħhom aħjar.

Fl'aħħarnett, okoghdu attenti li, malli taraŭhom iħosshom ħażin jeŭ m'humiex f'sicchithom, ghandcom turuhom lil min jifhem, u mhux taghmlulhom minn rascom jeŭ chif ighidulcom il girien, ghax b'dan it-telf ta żmien, il mard jidħol il ġeŭŭa, u meta tieħduhom ghand it-tabib dan ma icunx jista jaghmel dac li jinħtieġ.

Ghal-lum biż-żejjed, darb'oħra nitchellem fuk it-taghlim tat-tfal, tant tal *moħħ* chemm ucoll tal *kalb*.

(*Jissocta*) L. Manche'.

## Aħbar.

Il festa tal *Kalb Imkaddsa ta Gesù* tcun *San Ġŭann* ghada, il gimgha. Fis-6 ta fil ghodu, il kuddiesa bil Comunjoni: u, imbaghd, kuddies sa 's-siegha. Is-Sagrament icun espost il ġurnata collha. Ir-Ružarju jibda fil 5 u qŭart ta ŭara nofs in-nhar. Imbaghd, icun hemm Priedca bit-Taljan u tcompli il funzjoni.

### Taghlima.

*Lill G. Fenech.*

—Ghidli ftit, ghax int ħosbiena
Ghadec tirgheb iż-żghużija?
Jakaŭ ghira 'ngiblec jena,
Ghax, bħal ŭard, bil ġmiel mimlija?
Ghax tarani ma kalbiena
Żghażaħ bħali fit-thennija?....

—Le: tkarrakt, jen biss soghbiena
Ghax tfuliti giet moħlija
Seŭ bħal tieghec, fl'iżjed ħiena,
fil frughat u katt ghaklija:
Stajt il mera 'ncun ghall ħżiena
Biex nibdilhom fit-tjubija.

4-3-912. N. Camilleri.

MIL LUCERNA TAL ĦAJJA.—10. Il bniedem gharef jindocra fommu: jitchellem ftit u ghall bżonn.

Nixtieku li minn cull-min jakra il *Ħabib* ħadd ma jinsa, fit-talb tieghu ll'Alla, ir-ruħ ghażiża ta

DUN CARM COSTA,

li miet, haŭn il Belt, sbiħ is-sibt li ghadda, ta 28 sena.

Chien Sacerdot tajjeb u ħelu fl'imgiba tieghu ma cull-ħadd. Ma chellux ħlief ħbieb u is-Suldati Cattolici tal Fortina, li chien imur ikaddsilhom u jippriedcalhom bl'Ingliż cull nhar ta ħadd, chienu imsaħħrin ŭarajħ. Aŭl-il-lejl li miet, chien ghadu fuk riġlejħ u tà il Barca hu stess il Cnisja tal *Vitorja*, fejn chien jaħdem bi ħrara cbira fit-taghlim tad-*Dutrina* lit-tfal il fokra: imm'Alla l'imbierec ried jiġbru Mieghu hecc kasir fil ghomor.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### CHELMA MAKLUBA.

Hejjieħ mita tirbatti,
takraħ mil leminija;
ma jista icun ħadd ħliefec,
takraħ mix-xellughija!

R. Mifsud-Bonnici.

### XARADA.

*L'eŭŭel* bħal sparatura,
*it-tieni* m'hux żaghżuħ:
u *collox* biex issibu
fl'art biss ghandcom tfittxuħ.

C. Sant.